# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR (GHAWDEX)

## GUDIKATUR DR. JOSEPH REFALO LL.D. Adv. Trib. Eccl. Melit .

## Seduta ta' nhar iT-Tlieta 21 ta' Novembru, 2000 .

## Avviz numru : 12/00GT(JR)

**Maltacom plc .**

**Vs**

**Robert Vella .**

**It-Tribunal ;**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-14 ta' Marzu, 2000, fejn intalab il-hlas ta' mija u tlieta u sebghin lira Maltija tmienja u sebghin centezmu (LM173.78) ammont dovut in konnessjoni mas-servizz tat-telefon bin-numru 343154 (CM-238953) liema servizz gie installat fil-fond Flat 4, 2nd Floor "Lilibeth Flats" Achille Ferris Street, Msida, Malta skond kif jidher mill-kopja tas-"service agreement" anness Dok. A .**

**Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fis-27 ta' Marzu, 2000, fejn intqal illi l-konvenut qatt ma kellu servizz ta', u telefon bin-numru 343154 u ghaldaqstant l-ammont pretiz mhux dovut ;**

**Oltre dan il-konvenut qatt ma rcieva xi kont minghand is-socjeta' attrici in konnessjoni ma' dan in-numru tat-telefon .**

**Semgha x-xhieda ta' Dr. Grazio Mercieca u ta' Robert Vella . Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz .**

**Ikkunsidra ;**

1. **Illi mix-xhieda mismugha jirrizulta illi l-konvenut fl-1989 kien student u kien applika ghal telefon, pero' dan qatt ma**

**nghatalu sa ma meta hareg mill-fond ta' l-Imsida f'Gunju, 1997 .**

2. **Illi s-socjeta' attrici qed titlob l-ammont ghall-perijodu bejn l-1 ta' Ottubru, 1994 ut-2 ta' Mejju, 1999 . Illi in sostenn tat-talba taghha s-socjeta' attrici esebiet l-applikazzjoni ghall-installazzjoni tal-linja tat-telefon, Dok. A, li hu datat 20 ta' Awissu, 1990 .**

3. **Fil-fehma tat-Tribunal ma jirrizultax pruvat li hemm xi ammont dovut mill-konvenut fir-rigward tat-telefon imsemmi . Ma gie esebit ebda kont li juri kif inhu dovut l-ammont reklamat, u jidher li s-socjeta' attrici qed tistrieh biss fuq l-applikazzjoni li saret .**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jichad it-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra l-istess socjeta' .**

**(ft) Joseph Refalo**
**Gudikatur .**
**(ft) Francis Attard**
**Deputat Registratur .**

**Vera Kopja**

**Ghar-Registratur .**
S1200GtJr
330